MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 30/2011

**A B u E D f'isimha propju u bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri S D nominata b'digriet tal-24 ta' Frar 2011.**
**vs**
**C D u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettew:

Illi l-esponenti, E D, u l-konvenut, C D, izzewgu fl-10 ta' Novembru 1983 u dan hekk kif jidher minn Dok. A hawn anness;

Illi l-attrici E D ilha separata de facto minn mar-ragel taghha u cioe` l-intimat D ghal dawn l-ahhar hames (5) snin;

Illi l-attrici E D welldet tifla gewwa l-Isptar Mater Dei, Tal-Qroqq, Msida, fit-28 ta' Awwissu 2008 li giet moghtija l-isem ta' S D ;

Illi l-imsemmi twelid gie registrat fir-Registru Pubbliku permezz ta' Att ta' Twelid numru 3086 tas-sena 2008, hawn anness bhala Dok. B ;

Illi mill-Att tat-Twelid tal-minuri S D, jirrizulta illi fil-kolonna « Isem u Kunjom u Post tat-twelid tal-Missier » gie registrat isem ir-ragel tal-attrici E D, u cioe` l-intimat C D, minnu de facto separata, u dana peress illi l-intimat kien ghadu mizzewweg ma' omm it-tarbija, l-attrici, anke meta l-istess minuri giet koncepita ;

Illi l-paternita` tal-minuri S giet stabbilita permezz ta' testijiet genetici appoziti, fejn jidher li l-attur A B huwa fil-fatt il-missier naturali tal-minuri S D u dan skont ma jirrizulta minn Dok. C hawn anness ;

Illi ghalhekk huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi tigi ddikjarata l-paternita` reali taghha, billi l-attur A B jkun maghruf bhala missier il-minuri ;

Illi ghalhekk huwa mehtieg ukoll illi c-certifikat tat-twelid tal-minuri S jirrifletti dan l-istat ta' fatt ;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbu illi l-intimati jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi l-minuri S D, imwielda fit-28 ta' Awwissu 2008, ma hijiex bint il-konvenut C D kif indikat fl-anness certifikat mmarkat Dok. A;
2. Tiddikjara illi l-missier naturali tal-minuri S D, imwielda fit-28 ta' Awwissu 2008 huwa l-attur A B;
3. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid tal-imsemmi minuri li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 3086 tas-sena 2008, billi jithassar minnu kull referenza ghall-intimat C D u l-konnotati riferibbli ghalih u invece dan jigi sostitwit bl-isem "A B", li ghandu numru tal-identita` 339370M

imwieled Pieta` bin T B u U X u billi kunjom il-minuri ma jibqax “D”, izda jsir « B ».

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tar-rikorrenti;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li *in forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, l-esponent jirrileva li ghalkemm b’effett mill-14 ta’ Jannar 2011, azzjoni ghal dikjarazzjoni ta’ paternita` ta’ tarbija mwielda fi zwieg tista tigi ezercitata mill-omm u l-missier *ai termini* tal-**artikoli 77A u 77B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**, din l-azzjoni, stante l-fatt li ghaddew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri S D, kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) *ai termini* tal-**artikolu 77C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri S, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti ghal-procediment tal-azzjoni odjerna.
2. Illi preliminarjament ukoll, l-esponent jissottometti li, fuq il-mertu b’mod partikolari dwar il-paternita` tal-minuri S D, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;
3. Illi bla hsara ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti jridu jipprovaw li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri S, ir-rikorrenti E D kienet wettqet adulterju mal-intimat C D u barra minn hekk jipprovaw xi fatt iehor li jista` wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jindikaw lir-rikorrenti A B u/jew jeskludu lir-ragel tar-rikorrenti C D bhala l-missier naturali tal-imsemmija minuri S, u dan *ai termini* tal-**artikolu 77 A u 77B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.**
4. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrenti jridu fl-istess waqt jeghlbu l-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet**

**ta’ Malta** billi adegwatament u konvincentement juru li l-pussess ta’ stat tal-minuri S D ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha;
5. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f’kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa` t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jinvita lill-istess A B sabiex permezz ta’ nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita`, (3) l-eta` tieghu meta twieled il-minuri S D, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta’ residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta’ missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla S D. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita S D li jgib in-numru ta’ iskrizzjoni 3086 tas-sena 2008;
6. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess, f’kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa` t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet ‘*the said*’ li jinsabu qabel isem C D, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-registrazzjoni 3086 tas-sena 2008;
7. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta’ agir ta’ l-esponent u ghalhekk huwa m’ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;
8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Din il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-atturi A B u E D li permezz taghha jikkontendu li ghalkemm il-minuri S D twieldet fiz-zwieg ta' bejn ir-rikorrenti E D u bejn l-intimat C D u ghalhekk, gie mnizzel fic-certifikat tat-twelid taghha li hija l-wild naturali tieghu, fil-fatt, l-istess minuri hija l-wild naturali tar-rikorrent A B u ghalhekk l-atturi qieghdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tordna l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri sabiex dan jibqax juri li l-intimat C D huwa l-missier naturali tal-istess wild u konsegwentement isem missier il-minuri jkun imnizzel bhala A B.

Illi Carmen D, ghalkemm debitament notifikat nhar is-16 ta' Gunju 2011, baqa' ma ntavolax ir-risposta guramentata tieghu u ghalhekk huwa kontumaci f'dawn il-proceduri.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Ir-rikorrent A B jghid li f'Novembru tas-sena 2007 kien jiltaqa' regolarment mar-rikorrenti l-ohra E D u bdew ir-relazzjoni taghhom li huwa jiddiskrivi bhala wahda serja u stabbli. Kien fl-istess zmien li r-rikorrenti marru jghixu flimkien bir-rizultat li f'Jannar 2008, E D indunat li kien ser ikollha tarbija. Hu jghid li kien prezenti tul it-tqala, tant li ha hsieb jixtri dak kollu li kien hemm bzonn u kien ukoll ghazel l-isem tat-tarbija flimkien mar-rikorrenti E D. Ir-rikorrent jghid li ghalkemm huwa cert li l-minuri hija bintu, c-certifikat ma setax jindika lilu bhala missier it-tarbija u fil-fatt, jghid li E D kienet irceviet ittra minghand l-avukat tal-intimat C D u li permezz taghha talabha tiehu azzjoni sabiex ic-certifikat tal-minuri jkun jirrifletti l-verita' ghaliex l-intimat kien cert li mhux il-missier tal-istess imsemmija tarbija.

Illi da parti taghha, E D tikkonferma d-data taz-zwieg kontrattat bejnha u bejn l-intimat C D u tghid ukoll li ghandhom erba' ulied. Hi tiddiskrivi z-zwieg ta' bejniethom bhala zwieg li ma kienx felici tant li f'Dicembru 2005, l-intimat kecciha mid-dar matrimonjali. Imbaghad

f'Novembru 2007 iltaqghet mar-rikorrent A B u bdiet relazzjoni serja mieghu li ghadha ghaddejja sal-lum. Ir-rikorrenti bdew jghixu flimkien u f'Jannar 2008 hija harget tqila bil-minuri li hi tiddikjara li taf bic-cert li hija l-wild ta' A B ghaliex ma kellha relazzjonijiet ma hadd aktar f'dak il-perjodu. Ghall-kumplament, hi tikkonferma l-affidavit tal-istess A B.

L-atturi jghidu li l-minuri m'hijiex il-wild naturali tal-intimat C D izda minhabba l-presunzjoni legali stabbilita, c-certifikat tat-twelid tal-minuri S jghid li l-missier biologiku huwa C D u dan *stante* li fiz-zmien tal-koncepiment tal-istess minuri, r-rikorrenti E D u l-intimat C D kienu ghadhom mizzewgin.

Il-Qorti taghmel referenza ghac-certifikat taz-zwieg tar-rikorrenti E D u l-intimat C D datat l-10 ta' Novembru 1983 u rat illi irrizulta illi r-rikorrenti kienet ghadha mizzewga lill-intimat meta twieldet il-minuri S D fit-28 ta' Awwissu 2008[1].

Illi flimkien mar-rikors guramentat prezentat mill-atturi, gie prezentat u mahluf rapport tad-*DNA* li permezz tieghu gie stabbilit li hemm possibilita' ta' 99.9993% li l-attur A B huwa l-missier biologiku tal-minuri msemmija u konsegwentement dan ifisser li l-intimat C D huwa eskluz mill-possibilita' li jkun il-missier biologiku tal-istess minuri. l-Qorti tinnota wkoll li r-rapport tad-DNA gie mahluf u konfermat minn Marisa B nhar it-23 ta' Jannar 2012 (ara a fol 38 tal-process).

**<u>Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku</u>**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-istess Direttur tar-Registru Pubbliku, u cioe' li l-azzjoni odjerna kellha tkun preceduta permezz ta' rikors quddiem din il-Qorti *ai termini* tal-Artikolu 77C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex wara li din il-Qorti tkun semghet lill-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri, tinkiseb l-

[1] Ara c-certifikati tat-twelid esebiti a fol 5 tal-process

awtorizazzjoni mill-istess Qorti ghal procediment tal-azzjoni odjerna, u dan stante li ghaddew aktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri, din il-Qorti tirrileva li din l-ewwel eccezzjoni giet survolata permezz tar-rikors intavolat mir-rikorrenti nhar l-20 ta’ Jannar 2012 li permezz tieghu intalbet l-awtorizazzjoni tal-Qorti sabiex ir-rikorrenti jkomplu bit-talba taghhom u permezz ukoll tad-digriet tal-Qorti datat il-5 ta’ Marzu 2012 li permezz tieghu it-talba tar-rikorrenti giet milqugha;

Illi dwar it-tielet eccezzjoni u cioe’ li r-rikorrenti iridu jipprovaw sal-grad rikjest mill-ligi li fiz-zmien bejn it-300 mitt gurnata u l-180 gurnata qabel it-twelid tal-minuri S ir-rikorrenti E D kienet wettqet adulterju u *di piu’* jippruvaw, anke permezz ta’ testijiet genetici li jindikaw lil A B bhala l-missier biologiku tal-istess minuri u/jew li jeskludu lill-intimat C D milli jkun il-missier biologiku tal-istess minuri, u dan *ai termini* tal-Artikolu 77A u 77B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tirrileva li tali presunzjoni giet meghluba principalment mid-DNA test li ma jhalli ebda forma ta’ dubju dwar il-paternita’ tal-minuri kif ukoll mix-xiehda tal-istess rikorrenti;

Illi dwar ir-raba’ eccezzjoni u cioe’ li r-rikorrenti iridu jeghlbu l-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha ta’ Artikolu 81 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta billi adegwatament u konvinciment juru li il-pussess ta’ stat tal-minuri ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha, il-Qorti tirrileva li tali presunzjoni giet meghluba principalment mid-DNA test li ma jhalli ebda forma ta’ dubju dwar il-paternita’ tal-minuri u dan irrizulta ukoll mix-xiehda tal-istess rikorrenti;

Illi dwar il-hames eccezzjoni u cioe’ li f’kaz li il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici, r-rikorrent A B jigi mistieden sabiex jghaddi d-dettalji tieghu relattivi sabiex dawn jitnizzlu fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri, il-Qorti taghmel referenza ghan-nota esebita a fol 59 tal-process fejn hemm elenkati d-dettalji kollha mitluba mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku;

Illi in vista tax-xiehda prodotta, u in vista tad-*DNA test* li ma jhalli ebda ombra ta’ dubju dwar il-paternita’ tal-istess

minuri, il-Qorti hija konvinta li jezistu dawk l-elementi necessarji sabiex issir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tirrispingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:
(1) Tiddikjara li l-minuri S D m'hijiex bint l-intimat C D;
(2) Tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri S D imwielda nhar it-28 ta' Awwissu 2008 huwa A B;
(3) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri S D mill-kolonna li tirrapprezenta isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier il-kliem 'C D (Hamrun Malta) u minflok jinserixxi d-dettalji tar-rikorrent A B, iben T B, bil-karta tal-identita' numru 339370M, li kellu l-eta' ta' 38 fil-gurnata li twieldet il-minuri S D, mwieled il-Pieta' u li fiz-zmien li twieldet l-istess minuri kien residenti f'Nightingale, Triq is-Sur Zejtun.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti E D u r-rikorrenti A B.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------